**Laqgha Numru 18/K6/2012**

**Introduzzjoni**

It-Tmintax il-Laqgha tas-Sitt Legislatura tal-Kunsill Lokali Pembroke ghas-sena 2012 li saret nhar l-Erbgha 18 ta' April 2012.

Il-Kunsill iltaqa' fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu, Triq Alamein, Pembroke, fis-6.00 pm.

Prezenti: Is-Sindku Joe Zammit, il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli u l-Kunsilliera Evelyn Vella Brincat u Joe Brincat flimkien mas-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg.

Il-Kunsillier Lauro Fava kien skuzat. **(Ara Dok. A)**

Ghal-laqgha kien hemm il-prezenza ta' l-accountant tal-Kunsill.

Is-Sindku Joe Zammit qara t-talba ta' qabel il-laqgha u wara ppresieda l-laqgha.

**Agenda**

Il-Kunsill mexxa fuq l-avviz li gie ppubblikat fil-11 ta' April 2012. L-Agenda kienet:

**01. Emendi ghall-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2011.**

**02. Risposta ghall-Management letter 2011.**

## 01. Emendi ghall-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2011.

1.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Financial Statements ghas-sena finanzjarja 2011 kif emendata mill-accountant tal-Kunsill fuq talba ta' l-Udituri. **(Ara Dok. B)**

1.02. Is-Sindku Joe Zammit talab lill-Accountant Romina Perici Ferrante biex taghti l-ispjega taghha tar-rapport.

1.03. Wara li saret l-ispjega, is-Sindku Joe Zammit ippropona l-approvazzjoni tal-Financial Statements ghas-sena 2011 kif emendati fuq struzzjonijiet ta' l-Udituri.

1.04. Il-Vici Sindku Alfred Mazzitelli ssekonda.

1.05. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 02. Risposta ghall-Management letter 2011.

2.01. Is-Segretarju Ezekuttiv Kevin Borg ipprezenta lill-Kunsill kopja tal-Management Letter ta' l-Udituri ghas-sena finanzjarja 2011. **(Ara Dok. C)**

2.02. Wara diskussjoni li saret u fuq parir ta' l-Accountant tal-Kunsill, is-Sindku Joe Zammit ressaq kopja tar-risposta tal-Kunsill u ppropona li tigi approvata kif diskussa. **(Ara Dok. D)**

2.03. Il-Kunsillier Evelyn Vella Brincat issekondat.

2.04. Il-Kunsill qabel unanimament.

2.05. Is-Sindku Joe Zammit irringrazzja lill-Accountant Romina Perici Ferrante u talabha thalli l-kamra.

2.06. Is-Sindku Joe Zammit ghalaq il-laqgha fis-6.45pm.

| | |
|---|---|
| Joe Zammit | Kevin Borg |
| ***Sindku*** | ***Segretarju Ezekuttiv*** |